# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta’ nhar it-Tnejn 8 ta' April 2002

Citazzjoni numru 936/99 AJM

Kawza numru

Joseph Mary Vella u Mary mart l-istess Joseph Mary Vella ghal kull interess li jista’ jkollha

Vs

Maltacom p.l.c.

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fis-26 ta’ April 1999 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew illi b’sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-25 ta’ Jannar 1999 fil-kawza fl-ismijiet Joseph M. Vella vs Avukat Dottor Richard Galea Debono bhala Chairman ghan-nom u in rappresentanza tal-Korporazzjoni Telemalta (Citazz. Nru 801/92) is-socjeta’ konvenuta instabet hatja li fil-1989 ingustament cahdet minn promozzjoni ghal kariga ta’ Telegraph Operations Officer fi hdanha, u dan retrospettivament b’effett minn Gunju tan-1987; illi fl-imsemmija sentenza li ghaddiet in gudikat, din il-Qorti kkundannat is-socjeta’

konvenuta thallas lill-attur is-somma hemm likwidata bhala danni minhabba telf ta' paga minnu mgarrba tul iz-zmien kollu li huwa baqa' mcahhad mil-promozzjoni misthoqqa ghal dik il-kariga; illi bin-nuqqas tal-hatra f'waqtha l-attur tilef il-possibbilita' li, f'Ottubru tal-1992 jinhatar bhala Head of Operations, kif ghandu jigi pruvat waqt is-smigh tal-kawza; illi matul l-1993 sehh ftehim ta' ristrutturazzjoni fi hdan is-socjeta' konvenuta li permezz taghha kull min kien jokkupa l-kariga ta' Telegraph Operations Officer kien jkun eligibbli awtomatikament ghal hatra ta' Assistant Head Customer Care, b'differenza ta' LM604 zieda kull sena fis-salarju; filwaqt li min kien Head of Operations, kien awtomatikament promoss ghal kariga ta' Head Customer Care, b'differenza ta' LM947 zieda kull sea fis-salarju; illi l-attur spicca mis-servizz bl-eta' minn mas-socjeta' konvenuta f'Lulju 1994 u kien jokkupa l-kariga ta' Senior Radio Telegraphy Officer, u b'hekk baqa' jigi mcahhad mill-hlas spettanti lilu kif fuq inghad; illi b'effett dirett tan-nuqqas tal-ghoti lill-attur tal-promozzjoni f'waqtha, illum huwa qieghed jgarrab telf fl-ammont ta' pensioni li jircevi ekwivalenti ghall-sitt mija u wiehed u tlettin lira u tlieta u tlettin centezimu (LM631.33) fis-sena; illi ukoll l-attur hadem ghadd ta' sighat ta' sahra, xoghol fil-Hdud u xoghol fil-btajjel pubblici, kif jidher mill-anness prospett li taghhom thallas anqas minhabba l-agir ingust tas-socjeta' konvenuta; illi s-socjeta' konvenuta naqset li tersaq ghall-likwidazzjoni tal-ammonti dovuti lill-attur minhabba l-premess, u dana minkejja li kienet interpellata, anke permezz ta' ittra ufficjali; talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara lis-socjeta' konvenuta responsabbli ghall-hlas lill-attur tal-ammonti lilu indebitament imcahhda minhabba n-nuqqas ta' promozzjoni f'waqtha;
2. tikkundanna taggusta l-ammont ta' pensjoni dovuta lill-attur biex tirrifletti t-telf ta' dhul li ghalih kien jkun eligibbli kieku nghata

l-promozzjoni rilevanti bejn il-1987 u l-1994, previa, jekk mehtiega, il-likwidazzjoni ta' tali aggustament;

3. tillikwida l-ammont dovut lill-attur bhala telf ta' hlas shih u f'waqtu ghal sahra, xoghol fil-Hdud, u fil-btajjel pubblici, bejn l-1987 u l-1994;
4. tikkundannaha thallas lill-attur l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju tal-21 ta' Ottubru 1991 u tal-ittra ufficjali ta' l-10 ta' Marzu 1999, oltre ghall-imghaxijiet legali sal-jum tal-hlas effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta ingunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta presentata fit-2 ta' Awissu 1999 li permezz taghha eccepiet:-

1. Illi l-attrici Mary Vella ma ghandhiex interess guridiku fl-azzjoni proposta u konsegwentement is-socjeta' eccipjenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront taghha.
2. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fil-ligi.
3. Illi l-attur diga gie kumpensat pienament ghad-danni kollha sofferti minnu bin-nuqqas ta' hatra ghall-kariga ta' Telegraph Operations Officer, b'effett tas-sentenza fl-ismijiet Joseph Mary Vella vs Avukat Dottor Richard Galea Debono nomine.
4. Illi f'kull kaz kwalunkwe pretensjoni ohra naxxenti mill-impieg ta' l-attur Joseph Mary Vella mal-korporazzjoni Telemalta, tinsab preskritta ai termini ta' l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.
5. Illi fir-rigward tat-tieni domanda, l-eccipjenti mhijiex il-legittima kontradittur skond il-ligi, billi l-pensjoni ta' l-attur ma tinharigx

minnha, u s-socjeta’ eccipjenti ma ghandha ebda jedd tvarja l-ammont ta’ pensjoni imhallsa lill-attur.

6. Illi ghall-istess raguni l-gudizzju mhuwiex integru.
7. Illi t-tieni domanda kif maghmula hija legalment insostenibbli.
8. Illi inoltre l-attur ma kellu ebda jedd ghall-promozzjoni ghal kariga ta’ Head Operations; mhux kull minn japplika jinghata l-kariga.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat il-verbal ta’ l-udjenza tat-2 ta’ Novembru 1999 ta’ din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tat-8 ta’ Marzu 2000 sabiex tigi trattata u deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet tal-kontendenti.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

B'sentenza tal-25 ta' Jannar 1999 ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza Joseph M. Vella vs Avukat Dottor Richard Galea Debono nomine, gie rikonoxxut id-dritt ta' l-attur ghad-danni rizultanti lilu minhabba li l-applikazzjoni tieghu maghmula fl-1989 ghall-kariga ta' Telegraph Operations Officer ma kienetx giet kunsiderata favorevolment. Gara izda li dik is-sentenza nghatat wara li l-attur odjern u attur ukoll f'dik il-kawza, kien irtira biz-zmien u ghalhekk l-istess Qorti, filwaqt li rrikonoxxiet dan id-dritt tieghu, astjeniet "milli tikkundanna lill-Korproazzjoni konvenuta milli taghti f'dan li stadju din il-promozzjoni

lill-attur." Kien ghalhekk li, a termini tat-tieni talba f'dawk il-proceduri, l-Qorti kkundannat lill-Korporazzjoni thallas is-somma ta'LM3024 in linea ta' danni sofferti minhabba n-nuqqas tal-Korporazzjoni.

Il-proceduri odjerni huma intimament marbuta mal-pronunzjament tal-Qorti tal-1999. Dan billi l-attur issa qed jippretendenti li huwa sofra danni ohra bhala konsewgenza tal-inadempjenza kuntrattwali li rrizultat fl-imsemmija proceduri billi principalment l-attur tilef l-possibilita' li jinghata karigi ohrajn bil-konsegwenti awtmenti fis-salarju u pensjoni, billi huwa ma kienx f'posizzjoni li jibbenefika mill-ftehim ta' ristrutturazzjoni li kien sar ghall-impjageti tas-socjeta' konvenuta, jew li jikkonkorri ghall-posizzjonijiet aktar elevati.

Barra minn hekk l-attur qed jitlob ukoll li jigi kumpensat ghal dak it-telf li huwa bata ghax-xoghol ezegwit minnu bhala sahra jew fil-granet festivi, konsistenti fid-differenza bejn dak li effettivament irceva, komputat fuq is-salarju tal-kariga okkupata konsegwenza tal-inadempjenza tas-socjeta' konvenuta u dak li setgha rceva ghall-istess sevrizzi, a bazi tas-salarji ghola ghall-karigi superjuri.

Is-socjeta' konvenuta qedha tirriespingi dawn it-talbiet a bazi tal-fatt li, skond l-istess socjeta', bis sentenza fuq imsemmija u l-eventwali hlas tas-somma likwidata, l-attur irceva dak li kien haqqu. Inoltre qed jigi sottomess li l-attur qatt ma setgha ibbenefika mir-restructuring agreeement jew ikkonkorra ghall-karigi ghola, billi dan qatt ma kellu l-kariga mehtiega u li l-istess decizjoni tal-1999, fuq imsemmija, ma taghtux l-promozzjoni, ghar-ragunijiet ovvji, izda semplicement illikwidat id-danni dovuti.

Ikkunsidrat:-

Ir-relazzjoni ta' bejn l-attur u s-socjeta' gja Korporazzjoni konvenuta, sew f'dawn il-proceduri, kemm dawk precedenti determinati bis-sentenza tal-1999, jitwieldu mir-rapta kuntrattwali ezistenti bejniethom konsistenti fil-kuntratt ta' impieg bid-drittijiet u obbligi kollha hemm kontemplati. Issa kif gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza tat-13 ta' Dicembru 1952 fil-kawza fl-ismijiet "Carmelo Galea vs Emmanuele Calleja" - "*Il-kreditur, intiza din il-kelma fis-sens lat taghha u komprensiv, ghandu zewg toroq x'jaghzel fil-kaz ta' inadempjenza ta' obbligazzjoni: jew jitlob l-adempiment tal-obbligazzjoni 'in forma sepcifika', anki kontra l-volonta' tad-debitur, jew jitlob ir-rizarciment tad-danni.*" (Vol XXXVI.II.578). Fil-kawza deciza bejn l-istess kontendenti fl-1999, jidher li l-attur, kuntrarjament ghal dan il-principju, talba kemm l-adempiment tal-obbligazzjoni "*in forma specifika*" meta talab li l-Korporazzjoni konvenuta tigi kundannata taghti lill-attur "*il-promozzjoni ghall-kariga ta' Telegraph Operations Officer b'effett mid-data hekk stabbilita mill-istess Qorti"* , kif ukoll talab li jinghata d-danni sofferti minnu "*bhala rizultat tal-fatt illi ma inghatax il-promozzjoni msemmija."* Din it-talba dupplici setghet f'dawk il-proceduri, waslet ghall-sitwazzjoni nsostenibbli billi l-attur setgha nghata l-promozzjoni "back dated" bil-konsegwenti dritt ghas-salarju rivedut, u fl-istess hin, a termini tat-tieni talba fic-citazzjoni f'dawk il-proceduri, setgha inghata ukoll kumpens minhabba l-inadempjenza tal-Korporazzjoni konvenuta.

Is-sitwazzjoni fuq kontemplata ma avveratx ruhha billi sakemm kien hemm il-pronunzjament tal-Qorti, ma kienx baqa' l-htiega li l-attur jigi dikjarat li jokkupa l-kariga ta' Telegraph Operations Officer stante li kien irtira bl-eta. B'dana kollu din il-Qorti hija tal-fehma li l-akkoljiment

tat-tieni talba tal-attur, f'dawk il-procedri, tosta kull talba ohra fir-rigward ta' ammonti dovuti ghall-sahra, xoghol fil-Hdud ta' btajjel pubblici, maghula fit-tielet talba f'dawn il-proceduri. Dan ghaliex bid-decizzjoni ta' dik il-Qorti l-ammont likwidat favur l-attur kien in soddisfazzjoni tad-danni kollha spettanti lilu "*peress li ma inghatax il-promozzjoni lilu spettanti.*" Barra minn hekk jidher li din it-talba hija ukoll preskritta a termini ta' l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili billi fil-mori ta' dawk il-proceduri ma gie prezentat ebda att interruttiv tal-preskrizzjoni fir-rigward.

Ikkunsidrat:

Illi dwar l-allegati danni sofferti mill-attur minhabba l-fatt li huwa ma kellux il-possibilita' li juzufrwixxi mill-ftehim ta' ristrutturazzjoni jew li jikkonkorri ghall-karigi ohra fi hdan is-socjeta' fejn kien impjegat, din il-Qorti tosserva li, fil-kamp ta' danni, huwa principju generali, enuncjat fl-artikolu 1136 tal-Kap 16, li "*id-debitur hu obbligat biss ghal dawk id-danni li basar jew li wiehed seta' jobsor fiz-zmien ta' l-obbligazzjoni*". Dan dejjem kemm-il darba dan in-nuqqas ma jirrizultax minn eghmil doluz meta fid-danni dwar it-telf li jkun bata l-kreditur u l-qligh li hu jkun gie mtellef, *"ghandhom jidhlu biss dawk id-danni li jkunu l-effett immedjat u dirett tan-nuqqas ta' l-obblgazzjoni.*" (Art. 1137 Kap 16).

Il-kuncett komunement maghruf bhala il-principju tar- "*remoteness of damage"* li jistabilixxi d-dritt ghad-danni enuncjat hawn fuq gie spjegat hekk fil-Bingham's Motor Claims Cases (5th Edit). "*It is important to establish whether a particular form of loss was a sufficiently direct result of the wrongful actas to give the plaintiff a right to be compensated for that loss.*" Ghal dan il-kwezit l-awtur jaghmel referenza

ghall-gurisprudenza in materja fejn f'materja ta' likwidazzjoni ta' danni gie enuncjata is-segwenti formula "*There is first the question whether there was a duty, and the test is what you could foresee. The second question is whether the neglect of duty was a cause, and the test is the same. The chain of causation is broken when there is intervening action which could not reasonably be forseen or expected. The third question is remoteness of damages and it is necessary that the negligence should be the immediate or precipitating cause of the damage."* Dan stabbilit l-awtur jpoggi l-kwezit "*Is the consequence fairly to be regarded as within the risk created by the negligence? Or it might be simpler and better to ask one question: Is the consequence within the risk?* U b'certa finalita' l-awtur jirrispondi ghal din il-mistoqsija billi jghid "*and to answer it by applying ordinary plain common sense."*

Issa fil-kaz in ezami jirrizulta li n-nuqqas attribwit lis-socjeta (gja korporazzjoni) konvenuta jirrisali ghall-1989 u cioe meta l-attur ma inghatax l-promozzjoni ghall-Telegraph Operations Officer. Minn dan in-nuqqas l-attur isostni li huwa sofra danni ulterjuri billi ma kellux l-opportunita' li jokkupa karigi ghola b'konsegwenti telf fil-paga u pensjoni.

In-nuqqas tas-socjeta' konvenuta li tahtar lill-attur fil-kariga ta' Telegraph Operations Officer wassal ghal sitwazzjoni fejn l-attur fl-1992 tilef il-possibilita li jikkonkorri ghal posizzjoni ta' Head Operations fi hdan is-socjeta' konvenuta. Mhux hekk biss izda, jsostni l-attur li l-fatt li ma kienx jokkupa l-kariga ta' Telegraph Operations Officer fl-1993, huwa tilef l-possibilita' li, a termini tal-ftehim ta' ristrutturazzjoni ffirmat f'Awissu 1993, huwa ma lahaqx Assistant Head Customer Care. U fl-ahharnett il-fatt li fl-1992 ma kienx f'posizzjoni li japplika u

jikkonkorri ghall-posizzjoni ta' Head of Operations, tilef il-possibilita' li, skond l-istess ftehim, jilhaq Head Customer Care. Naturalment dawn l-ilmenti huma kollha konnessi ma zidiet fil-paga u konsegwenti pensjoni.

Issa ma ingiebet ebda prova li fl-1989 meta effettivament sehhet l-allegata ngustizzja fil-konfront ta' l-attur billi dan ma inghatax il-kariga ta' Telegraph Operations Officer, is-socjeta' konvenuta jew agixxiet in mala fede jew inkella kellha xi hiel li ser jigi ffirmat il-ftehim ta' ristrutturazzjoni. Ghalhekk certament fid-data in kwistjoni ma jistax jinghad li d-danni reklamati mill-attur kienu prevedibbli jew kkawzati b'azjoni doluza. Konsegwentement ma jistawx jigu likwidati favur l-attur d-danni allegatament sofferti u dana b'rispett tal-principju legali enuncjat fl-artikolu 1136 fuq citat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra tieghu.

Onor Imhallef Albert J. Magri